MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tas-27 ta' Jannar, 2004

Citazzjoni Numru. 709/1999/1

**Doreen Costa.**

**vs.**

**Najar Moiffek.**

**Il-Qorti,**

## <u>I. PRELIMINARI.</u>

Rat ic-citazzjoni attrici datata 24 ta' Marzu 1999 a fol. 1 tal-process fejn gie premess:-

Illi l-kontendenti zzewgu fl-1 ta' Awwissu, 1994 bir-rit Civili fir-Registru Pubbliku ta' Sousse' fit-Tunezija u dan skond d-dokument hawn anness u mmarkat bl-ittra "A";

Illi, dan iz-zwieg huwa null billi l-kunsens ta' l-attrici inkiseb b'qerq dwar il-kwalita tal-konvenut li mix-xorta taghha fixklet serjament il-hajja mizewga kif ser jigi ppruvat fil-kors tal-kawza;

Illi, dan iz-zwieg huwa wkoll null billi l-kunsens ta’ l-attrici nkiseb bl-eskluzzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu, jew ta’ xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga, jew tad-dritt ghall-att taz-zwieg kif ser jigi ppruvat fil-kors tal-kawza;

Illi, wkoll dan iz-zwieg huwa null billi l-konvenut rabat il-kunsens tieghu ma’ kondizzjoni li tirreferi ghall-futur kif ser jigi ppruvat fil-kors tal-kawza;

Illi, dan iz-zwieg huwa vizzjat b’diffett serju ta’ diskrezzjoni ta’ gudizzju fuq il-hajja mizzewga u fuq id-drittijiet u dmirijiet essenzjali taghha jew b’anomalija psikologika serja li taghmilha mpossibli ghall-konvenut li jaqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg kif ser jigi pruvat fil-kors tal-kawza;

Illi, ghalhekk dan iz-zwieg bejn il-partijiet huwa null u bla effett *ai termini* ta’ l-**artikolu 19 (1) (c), (d) u (f)** u l-**artikolu 19A ta’ l-Att taz-Zwieg ta’ l-1975** unikament tort tal-konvenut;

Illi, l-istess attrici talbet lil din l-Onorabbli Qorti sabiex ghar-ragunijiet premessi:-

1. Tiddikajara u tiddiciedi li z-zwieg bejn il-kontendenti celebrat fl-1 ta’ Awwissu, 1994 huwa null u bla effett *ai termini* ta’ l-**artikolu 19 (1) (c), (d) u (f) u l-artikolu 19A ta’ l-Att taz-Zwieg ta’ 1975;**

2. Konsegwentement tiddeciedi u tiddikjara li ghandhom jigu applikati favur l-attrici l-effetti tas-**subartikolu (2), (3) u (5) ta’ l-artikolu 20** ta’ l-istess **Att taz-Zwieg.**

Bl-Ispejjez kontra l-konvenut li hu minn issa ngunt sabiex jidher ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni attrici datata 23 ta’ Marzu, 1999 u l-lista tax-xhieda prezentati mill-attrici a fol 3 u fol 4 tal-process.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut Moiffek Najar datata 6 ta' Awwissu, 1999 a. fol 10 tal-process, fejn ecepixxa bir-rispett:-

1. Illi, it-talbiet attrici huma ndondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra taghha ghaliex mhux minnu illi z-zwieg bejn il-kontendi huwa null u bla effett kif tippretendi l-attrici;

2. Salv' eccezzjonijiet ohra.

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenut datata 6 ta' Awwissu, 1999 u l-lista tax-xhieda a. fol 10 u 11 tal-process.

Rat il-verbali tas-16 ta' Settembru, 1999.

Rat il-verbal tal-14 ta' Ottubru, 1999, fejn giet nomminata Dr. Yana Micallef Stafrace biex tigbor il-provi u tirrelata.

Rat il-verbal tal-21 ta' Marzu, 2000.

Rat in-nota datata 18 ta' April, 2000 li permezz taghha Doreen Costa prezentat l-affidavit taghha.

Rat in-nota ta' Doreen Costa, datata 16 ta' Gunju, 2000 li permezz taghha prezentat l-affidavit ta' Alfred Busuttil, ta' Toussaint Costa u ta' Andreana Costa.

Rat il-verbali tal-20 ta' Novembru, 2000, tat-2 ta' Mejju 2001 u tat-13 ta' Novembru 2001.

Rat l-avviz tal-Qorti datat 21 ta' Marzu, 2002, fejn il-Qorti ordnat li l-kawza tigi differita quddiem din il-Qorti kif diversament llum ghall-20 ta' Gunju, 2002.

Rat il-verbal tal-20 ta' Gunju 2002, fejn inghata digriet affidavit tal-partijiet b'terminu ta' 40 jum kull parti.

Rat il-verbal datat 4 ta' Dicembru, 2002.

Rat ir-rapport tal-Perit Legal Dr. Yana Micallef Stafrace datat 8 ta’ Jannar, 2003 minn fol. 118 sa fol 153 tal-process.

Rat il-verbal datat 8 ta’ Mejju 2003 fejn il-kawza giet differita ghas-sentenza ghas-27 ta’ Jannar, 2004.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET

### (I) PROVI PRODOTTI

Illi l-**attrici** xehdet *viva voce* li:

*“Illi, jiena ltqajt mar-ragel fit-03.04.94 f’kafiterija Sousse, Tunezija. Jiena kont hemm holiday ma’ tour izda kont ukoll ser nibqa’ ftit granet wahdi. Jiena kelli grupp ta’ hbieb inglizi li kien se jitilqu dak in-nhar u b’hekk meta l-konvenut u specjalment habib tieghu qaluli biex niltaqghu dak in-nhar filghaxija accettajt. Qattajna dik is-serata flimkien u rrangajna li nerghu niltaqghu jumejn wara ghax jien kelli mmur tour is-Sahara. Meta gejt lura iltqajna diversi drabi u sa mort id-dar tal-familja tieghu u l-ahhar tlett ijiem qattajthom ghandhom. Waqt dawn il-granet qalli li kien gie lura minn l-Olanda fi Frar peress li kien iddivorzja xi snin qabel wara sentejn zwieg ma’ Vivienne Van Der Zander li kienet xi sentejn izghar minnu. Dan kollu ovvjament li qalli hu. Qalli li ma kellux tfal u li qabadha fis-sodda ma’ ragel iehor. Kien jibki fuq li gralu. Jien bdejt inhoss ghalih. Qalli li l-genituri tieghi iddivorzjati u li r-ragel li kien ma’ ommu kien hu missieru. Qal ukoll li ma kienx it-tifel tar-ragel li minnu kienet iddivorzjata ommu izda ta’ ragel iehor, ta’ xi ziju;*

*Illi, meta tlaqt hallejt l-indirizz u ftehmna li kellna inzommu kuntatt u li kelli nerga ninzel fis-Sajf. Kont ferhana hafna. Emmint dak kollu li qalli. Konna incemplu lil xulxin regolarment u wera x-xewqa li jigi Malta. Gie Malta u*

*qaghad ghand il-genituri tieghi. Gie f'24 ta' April 1994 u sliftu xi flus li kellu bzonn biex jigi Malta;*

*Illi, jiena ghidtlu li jista jigi ghal hmistax/tlett gimghat ghand ommi u missieri. Wara dan il-perjodu mar il-bedsit ghax ried joqghod ghal rasu. Irrid nghid li fit-telefonata kien diga saqsini biex nizzewgu. Meta gie d-dar kellu l-attitudni li ried jikkmanda hu. Ahna mall-ewwel bdejna nitkellmu fuq zwieg fis-sajf u l-genituri tieghi allarmaw ruhom ghax deherilhom li kien malajr wisq. Hu kien kontinwament jghidli kliem bhal "save my life" billi noffrilu sigurta tramite iz-zwieg, kif fhimt jien ghax xoghol Tunez ma kellux, l-Olanda ma setghax jirritorna u Malta ma setghax jibqa' bla xoghol. Qal ukoll li Tunez ma jirnexxilux jghix iktar minn xahar. F'din l-atmosfera mar bedsit. Hallastlu kollox jien ghax hu ma kellux flus. Kont u ghadni nahdem ta' teacher. Hu mar l-bedsit tas-Sliema u wara mar ir-Rabat li sabuh l-genituri tieghi li bdew iffitxu flat (kienu irrassenjaw rwiehom) fejn immorru noqoghdu;*

*Illi, il-pjan kien li nizzewgu Malta fis-sajf u fil-fatt talab "extension" tal-Visa. Kont immur kwazi kuljum narah. Darba mort il-flat u sibt nota minghand l-Ispettur Harrison li qieghed id-Depot u wara gie deportat;*

*Illi, bqajna ncemplu u kien iwahhal fil-genituri tieghi li kienu cemplu l-pulizija huma. Weghdtu qabel telaq li fis-sajf immur Tunez. Meta kont ncempel, kien jghidli la nigi Tunez nizzewgu;*

*Illi, jien mort Tunez ftit wara li bdew il-vaganzi tas-Sajf bl-ideja li ser nizzewweg u kont ippreparajt id-dokumenti;*

*Illi, t-tieg gie ffissat ghall-1 ta' Awwissu 1994, u tal-familja tieghu u hu hadu hsieb li jlestu kollox. Cempilt lill tal-familja biex jigu izda lahqu gew biss hija u ommi ghax huma biss sabu post fl-ajruplan;*

*Illi, zzewwigna Sousse u konna noqoghdu mal-familja tieghu. Il-familja tieghu laqawni tajjeb hafna;*

*Illi, qattajt iz-zmien kollu qabel ma zzewigt u wara marida, niremmetti, iceduli saqajja u issa natribwixxi dan ghall-fatt li jiena kont naf li kienet decizjoni hazina, izda hassejtni obbligata li nizzewweg. Fost ohrajn waqt li kien Malta dejjem jghidli nghinu "save my life" "marry me". Lili kien jghidli hekk izda lil haddiehor jirrizultali li qal differenti;*

*Illi, jien kont inhoss ukoll li jien anqas minn haddiehor. Kien jghidli kliem tipo, tal-familja tieghek ma jhobbukx, li kieku ihobbuk jaccetawni, ma jriduniex ghax Gharbi;*

*Illi, darba fil-kamra tieghu id-dar taghna kien urieni ritratti ta' dik li hu kien jghid li kienet il-mara tieghu u kien haraq l-immagini taghha bis-sigarett fir-ritratti kollha. Kien ippretenda li jien naghmel l-istess. Dak iz-zmien ma ridtx izda wara li zzewwigt armejthom;*

*Illi, fil-fatt meta waqqaftlu fuq ir-ritratti kien hadni quddiem il-mera u qalli min iridek ja kerha, ja hoxna. Jien, spiccajt fl-istat li nahseb li jekk ma jehodniex hu ma jehodni hadd;*

*Illi, kont nixtrilu kull ma kien jitlobni, CD, curkett, ecc;*

*Illi, kien irrabjat hafna f'okkazzjoni peress li kelli hbieb koppja Rita u Maxim Cassar fejn Maxim kien ikkumenta li ohti qaltlu li qed nghagglu wisq. Inqala putiferju shih id-dar t'ommi u missieri u eventwalment b'hekk telaq it-tieni darba;*

*Illi, darba meta kien ir-Rabat u ghidtlu li ser nitilqu kien qabad balla pinnoli u qal li jekk nitilqu jiblahhhom. Xtrajtlu Alsatian ghall-kumpanija. Darba ommi ikkonvincietni nitilqu u fil-fatt mort nghidlu u hassejt li kienet decizjoni tajba izda beda jcempilli u jiktibli spiss u dan kellu poter fuqi u bi kliemu kien pperswadini;*

*Illi, meta telaq Malta kien ha l-istereo "To make sure that you come";*

*Illi, qabel ma zzewigna tkellilmna bl-ingliz, Tunez tghallimt ftit bit-tunezin u hawn Malta tghallem bil-Malti;*

*Illi, din tal-lingwa ma kinitx nahseb problema, konna nikkomunikaw. Iktar kulturalment kien hemm problemi. Per ezempju kien hemm il-problema li jiena hsibt li la nizzewgu filghaxija kellna nohorgu flimkien. Hu kien jahsibha mod iehor fis-sens li qatt ma qalli li irid bil-fors johrog ma' hbiebu ghalkemm mizzewweg ghalkemm kien jaf il-hsieb tieghi. Kien biss wara li zzewwigna li qalli li ma riedtx jieqaf;*

*Illi, kien hemm zmien fejn jien rajt wisq kunfidenzi bejn ir-ragel u Rita (dan qabel ma' zzewwigna) u fil-fatt Rita qaltli li kienet bieset lil Moiffek izda Moiffek kien irnexxielu jipperswadini li dan kien kollu ghira da parti ta' Rita u b'hekk bqajt ghaddejja "I was putty in his hands." Malli kont inqum fuq tieghi kien jaf kif ikissirli l-moral u gejt f'pozizzjoni li nahseb li tal-familja ma jistmawniex;*

*Illi, jien ghalkemm kont studjajt ma kontx "street wise" u ma kelliex relazzjonijiet serji qabel. Jien kont f'mument vulnerabbli ta' hajti, ghadni kif spiccajt l-istudji, qed nibda x-xoghol ta' "teacher" u domt biex drajt u meta kien jghidli li kont iffurtunata li sabni ghax hadd ma jridni jien emmintu. Jiena kont naive, kont nahseb li meta persuna tghidli haga qed tghidli l-verita', qatt ma ghaddieli f'mohhi li nivverifika li qalli, f'kollox, hadtu vangelu;*

*Illi, wara li zzewwigna gejna Malta f'Settembru fil-bidu u morna noqoghdu l-flat tar-Rabat u ghamilna gimgha u morna Hal-Luqa. Is-sitwazzjoni mal-genituri trangat ukoll;*

*Illi, meta gejna lura morna wara ftit noqghodu Hal-Luqa u hu sab xoghol bhala machine operator mal-Intex Hosiery u f'Settembru 1994 ghamilna reception zghira u sikwit kien icempel Tunez lill tal-familja tieghu u skond kif kien jghidli hu kienu jitolbuh il-flus u mir-rigali li qlajna konna bghatna Lm100. Bejn wiehed u iehor flus konna qlajna xi Lm1000;*

*Illi, f'Ottubru kienu talbuh il-flus u kont gergirtlu u hu abbuzani sesswalment;*

*Illi, hu ghamel anal sex mieghi kontra r-rieda tieghi. Beda jigbiddli xaghri u jghidli "say sorry you are not allowed to mention my mother again;"*

*Illi, wara dan l-incident jien inghalaqt u kont bdejt noqghod attenta x'nghidlu ghax kont nibza mir-reazzjoni tieghu;*

*Illi, f'dwan iz-zminijiet ma nafx jekk qabel jew wara dan l-incident hu kien jasal mix-xoghol f'xi 3.00, 3.30pm u jien kont nasal ftit qabel u darba dam u hrigt barra nistennieh fil-gallarija u nserta ghaddej habib ta' hija ili nafu minn mindu konna zghar. Il-gallarija kienet fit-tieni sular (first floor). Dan rani u waqaf jitkellem mieghi u staqsini fuq il-flat u saqsieni jistax jigi jarah u jien ftahtlu u gie, dar dawra u wrejtu r-ritratt tar-reception u x'hin kien sejjer wasal ir-ragel mix-xoghol u telaq l-habib li semmejt;*

*Illi, jien mill-ewwel indunajt li haseb hazin u jiena kont liebsa nightshirt twila li ghalija kienet normali ghand ommi hekk kont noqghod gewwa u dam jakkuzani li kont qlibtilhu ma' dan il-habib li jismu Ivan;*

*Illi, kien igerger li ma nitkellimx imma jien kont nibza nitkellem ghax anki jekk nohorgu u jkellimni ragel "dak min hu, kont tohrog mieghu" qisu terzo grado;*

*Illi, fil-frattemp telaq minn Intex Hosiary ghax qal li mhux qed jaqbel mal-istaff u fi Frar tal-1995 mar hmistax Tunez u hadilhom hafna hwejjeg u rigali. Hu kien jixtri jilbes ghalih u kien igerger ghax ma nixtrix jien izda jien kelli f'mohhi li kellna naghtu LM600 lil ohtu fis-sajf u flus ma kellniex infaddlin ghax bil-flus tar-reception xtrajna T.V, washing machine u stereo;*

*Illi, meta gie lura minn Tunez kien sab xoghol mal-Paglieri bhala blow moulder. F'Marzu gab ic-cittadinanza Maltija dejjem 1995 u bdejna nfittxu fejn noqghodu x'imkien iehor biex nixtru. Sibna flat Burmarrad u ghamilna l-konvenju;*

*Illi, f'April waqa s-saqaf tal-flat li konna fih u kellna mmorru noqoghdu ghal xi zmien ghand in-nanna sa Gunju/Lulju. Hu kien jahdem bix-shift u sikwit kien jghid li baghtu ghalih*

*ghax-xoghol hinijiet mhux tas-soltu u darba gie d-dar b'arlogg gdid ghalih u staqsejtu fuqu u qalli li tal-fabbrika taw wiehed lil kull impjegat. Jien ghidtlu li kont cempilt il-fabbrika u hu rrabja u qalli li l-arlogg tatulu wahda Roberta u kien imur jaraha ghax qed tmut bil-cancer. F'Mejju 1995 inqbadt tqila. F'Gunju missieri beda isellfilna l-karozza l-antika u rega telaq mix-xoghol. F'Lulju morna noqoghdu Burmarrad u kellna nisselfu minghand iz-ziju t'ommi l-flus biex imorru Tunez u naghtu lill-ohtu. Gejna lura u f'dan il-perjodu sab xoghol il-Paradise Bay Hotel bhal Bar-waiter u f'Ottubru kellna glieda kbira ghax hu ried jitlaq ix-xoghol ghax ried jimporta l-hwejjeg bl-ghajnuna ta'certa Barbara li qal li kienet guest il-hotel u jien qatt ma ltqajt maghha. Hu ried jitla l-Ingilterra u jien ma ridtx u hu xorta tela' f'Novembru;*

*Illi, meta kellna l-argument f'Ottubru jien kelli panic attack kbir u r-ragel mar ix-xoghol u mort ghand ta' tahti biex iwassalni l-isptar. Dan kien induna bl-istorbju u issugerixxa li nkellem counseller;*

*Illi, waqt l-argument kien cempel lil genituri tieghi u qal lil missieri biex jigi jehodni. Dan ta' tahti cempel lil genituri biex jghidilhom ma jinkwetawx u tlajt id-dar;*

*Illi, meta r-ragel sar jaf li mort ghand ta' tahtna ghall-ghajnuna rrabja u beda jinsinwa li t-tarbija mhiex tieghu;*

*Illi, meta siefer ma kienx qalli li gej lura u jien mort ghand il-genituri. Gie lura fl-ahhar ta' Novembru minghajr xoghol. Fuq Barbara dejjem itini verzjoni differenti fuq l-istat civili taghha;*

*Illi, fl-1996 f'Jannar sab xoghol bhala Blow Moulder mal-Chemiplast. Fit-12.02.96 twieled it-tifel. Jien bqajt nahdem. Fl-ahhar tat-tqala meta gie lura mill-Ingilterra tant ma kellniex flus li kelli nahmi l-hobz ghax ma kellniex x'nieklu ghax kien nefaq kollox biex imur l-Ingilterra;*

*Illi, wara t-tqala kelli hafna problemi ta' sahha;*

*Illi, f'Marzu gew ommu u ohtu u hallasna l-passagg ta' ommu. Jien kelli nidhol l-isptar u kien jghidli li ser immut minflok u ma jaghmillix kuragg;*

*Illi, imbaghad mar jahdem is-Soreda Hotel il-Qawra bhala barman;*

*Illi, id-Dar kienet bdiet iccempel wahda li hu qalli li Svediza u gieli qbadt it-telefon jien;*

*Illi, wara dan l-incident u ohrajn li dhalt fihom fl-affidavit wasalt ghal separazzjoni f'4 ta' Awwissu 1998;*

*Illi, jiena ntbaht li jien fuq ir-ragel attwalment ma kont naf xejn hlief li qalli. Rajt diskrepanza kbira bejn dak li kien jghidli fuqu nnifsu u dak li fil-fatt kien;*

*Illi, wara li sseparajna jien iddecidejt nindaga u sirt naf li kien ghadda perjodu l-habs l-Ingilterra li qatt ma kien qalli fuqu u qed nesebixxi Dok. "MB" fuq dan. Zgur li kieku kont naf li kellu Criminal record ma kontx nizzewgu. Sirt naf ukoll li kien mizzewweg mara 20 sena ikbar minnu l-Olanda u dan jien qatt ma kont naf. Sirt naf wara li sseparajna. Qed nesebixxi Dok. "GR 1" u "GR 2" rigwardanti dan;*

*Illi, jien sirt naf dan kollu peress li jien cempilt lil Vivienne Van Der Zanden li hu kien qalli li ddivorzja minn maghha u fil-fatt hi tatni hjiel li ma kienx mizzewweg maghha, li kien mizzewweg lil haddiehor u li kien il-habs. Dan li ghandi dokumentazzjoni fuqu u affarijiet ohrajn li qaltli ma sibtx dokumentazzjoni;*

*Illi, malli cempiltilha qaltli "I was expecting your phone call. It is about Moiffek." Qed nesibixxi Dok. "MB 1" u Dok. "GR 3" envelopes;*

*Illi, fil-fatt kienet hi li tatni l-indirizzi fejn nikteb ghall-indirizz. Ghall-ewwel kienet lesta tixhed imbaghad wara qaltli li bezghet ghax kien jaf fejn joqoghdu ommha u missierha u gieli hedded li joqtolhom kif fil-fatt ghamel mieghi*;

*Illi, qed nesebixxi Dok. “MB3”, dokument bl-Olandiz li baghtitli Vivien, din fotokopja, traduzzjoni tal-istess Dok. “MB4” u ittra Dok. “MB5” fejn tlabt l-original u nfurmani li mhux possibli ituni original copy;*

*Illi, jiena id-dokument bl-Olandiz ma stajtx naqrah u b’hekk mort ghand xi hbieb li jafu bl-Olandiz u fuq dak li bdew jghiduli iddecidejt naghmel traduzzjoni;*

*Illi, fil-fatt minn dan id-dokument irrizultaw hafna affarijiet li ma kontx naf bihom jew li stqarru fatti totalment differenti milli kien qalli r-ragel. Per ezempju hu kien qalli li telaq mill-Olanda minn rajh u li seta jirritorna u fil-fatt sirt naf minn dan id-dokument li kienet giet terminata l-visa. Issemma wkoll zwieg li jien qatt ma kont naf bih;*

*Illi, kieku kont naf dawn l-affarijiet kollha ma kontx ser nizzewgu u issa naf kemm ingannani u dahaq bija u heba affarijiet verament rilevati ghaz-zwieg. Li kien il-habs, li kien hemm zwieg li ma kontx naf bih, li kellu jitlaq mill-Olanda;*

*Illi, issa naf li raguni ohra ghaliex ried jizzewweg ghax ma riedx imur it-Tunezija.”*

Illi l-attrici xehdet ukoll fil-kontro-ezami, u hi xehdet hekk:

*Illi, rigwardanti z-zwieg tal-konvenut dan skond ma qal hu mhux li kont naf jien personalment. Jien ma ghamiltx l-verifiki tieghi. Dan qalulu fil-bidu tar-relazzjoni;*

*Illi, issemmiet diversi drabi bhala “his ex-wife”. Jiena emmintu kont;*

*Illi, kien semma xi girlfriend Ingliza u hadt iktar;*

*Illi, jiena iltqajt mieghu ghall-bidu ta’ April 1994 u izzewigna f’Awwissu ta’ 1994. Xi Mejju bdejna nahsbu biex nizzewgu. Iddecidejna li nizzewgu qisu xahar wara li ltqajna;*

*Illi, jien iddecidejt li ridt nizzewgu fi zmien xahar peress li hassejtni "cornered" li dan ir-ragel ma ridtx nitilfu u fl-istess hin gabni dipendenti fuqu. Kien jittallabnin "save my life" u gab lilu nnifsu jidher bhala vittma u hassejtni obbligata "insalvah";*

*Illi, kien ipoggi ruhu bhal-bniedem li bata per konsegwneza tal-agir ta' haddiehor u li hadt ma tah cans. Billi jizzewweg lili kien ikollu skop ghalxiex jghix, ikollu familja u opportunita' ta' xoghol u insalvah minn pajjizu stess fejn ma joqghodx u ma jissaportix iktar minn xahar, xahrejn. Jigi Malta u jsib xoghol u ma jkollux bzonn jibqa Tunez;*

*Illi, jien hassejtni li kelli insalvah ghax darba minhabba is-sitwazzjoni tieghu sahansitra quddiemi kien ser jibla hafna pilloli. X'pilloli kienu ma niftakarx izda konna l-flat tar-Rabat. Dan kien l-istess zmien meta hadt d-decizjoni li nizzewweg.*

Illi meta l-attrici giet mistoqsija ghal liema raguni hi zzewget lill-konvenut hi wiegbet:

*"Illi, hassejtni obbligata u kien wassalni fi stat li nahseb li jekk ma jhobbniex hu ma jhobbni hadt. Kien jirredikolani u igibni li jien xejn, kissirli s-self-confidence u s-self – esteem."*

Illi meta giet mistoqsija kif tiddiskrivi lill-konvenut*:*

*"Illi, ghax kien gabni ghagina u kont "naïve";*

*Nikkoregi ruhi u nghid li jien iddecidejt li nizzewweg xi Mejju / Gunju. Jien ghalija iz-zwieg ifisser tnejn minn-nies li jinhabbu u jghixu flimkien";*

Illi meta mistoqsija jekk kinitx thobbu, hija wiegbet:

*Illi, ma nahsibx li kont inhobbu ghalija l-imhabba ibbazata fuq ir-ragun ukoll u dak iz-zmien zgur ma kienx hekk. Jiena kelli "feelings" ghall-konvenut izda issa nara li ma kinitx imhabba bhal ma nifhem il-kelma imhabba illum.*

*Kienet iktar ibbazata fuq immaginazzjoni u infattuazzjoni. Il-kuncett ta' zwieg tieghi ta' dak iz-zmien ghall-illum tbiddel. Jiena ibbazajt d-decizjoni li nizzeweg fuq feeling ta' tfajla u mhux mara kif jien illum. Jien kelli 21 kont teacher. Kont ili teacher ftit xhur. Kont ghamilt kors l-universita'. Ma kelliex gharus jew boyfriend serju qabblu. L-iktar li hrigt ma' ragel "weeks". Meta gejt minn Tunez ghidt lill-genituri b'dak li kien gara. Kont ghidtilhom li ltqajt mieghu u nixtieq nkompli inkellmu. Ghidtilhom li ried li niehdu l-engage fis-sajf. Kienu "shocked". Anke meta kien id-dar jghix mieghi u l-genituri xorta ma approvawx;*

*Illi, il-genituri tieghi ma riduniex nizzewweg imbaghad eventwalment accettaw li jghinu. Fil-bidu ma riedux jghinuni. Accettaw, peress li raw li jghidu x'jghidu ma kontx ser inbiddel fehmti. Indunaw li iktar ma jinsistu li nistenna jew inhallih iktar "they were pushing me towards him". Jien rasi iebsa;*

*Illi, oggezzjonaw ghax kienet ta' malajr wisq, kultura differenti, divorzjat. Hu 7 snin ikbar minni;*

*Illi, lill-genituri ma ghidtilhomx li ser nizzewgu ghax nikkumpatih. Ma ghidhihomx li qed jippressani biex nizzewgu;*

*Illi, jien f'dan is-sens nghid li r-ragel ma kienx jirrispettani. Dan l-episodju nahseb li kien f'xi Mejju;*

*Illi, nichad li fid-data tal-incident li rifferejt ghalih mort xrobt kwazi flixkun "whiskey";*

*Illi, gieli xrobt il-whiskey. Kont darba xrobt il-whsikey izda kien wara li izzewwigna u kont xrobt qisu kwart ta' flixkun;*

*Illi, meta fil-pagna 7 tal-affidavit tieghi nghid li telaq mid-dar tal-genituri minn rajh dan kien l-ewwel darba li telaq peress li fil-fatt imbaghad ghamel perjodu iehor li rega gie jghix ghand il-genituri;*

*Illi, meta telaq l-ewwel darba qalli li telaq ghax imdejjaq u li l-genituri tieghi kienu jindahhlu;*

*Illi, wara Mejju / Gunju meta iddecidejna li nizzewgu r-relazzjoni taghna baqghat l-istess. Baqa jaghmili pressjoni sabiex nizzewgu. Baqa jaghmilli din il-pressjoni peress li beza li l-genituri tieghi jikkonvincuni. Dan x'nahseb jien ghalkemm kien qalli ukoll. Nahseb kien jibza' ukoll li jien ser inbiddel fehmti;*

*Illi, meta kien jghidli fuq il-genituri tieghi kont tghajtu l-kelma tieghi li ser nizzewgu. Jiena kont ghidtlu li kont deciza li ser nizzewgu;*

*Illi, meta wasalna ghat-tieg il-genituri rrasenjaw ruhom. Fil- fatt ommi u hija telghu Tunez biex jikkonvincuni biex ma nizzewwigx izda imbaghad la kienu hemm baqaw ghat-tieg. Missieri ma telghax ghax kien jaf li pikuza. Missieri ma telghax ghax beza li iktar ma jghidli ma nizzewwigx, iktar inwebbes rasi. Ohti ikbar minni, hija izghar. Ohti kienet diga mizzewga;*

*Illi, kont "close" ma ohti dak iz-zmien. Ma kontx tkellimt maghha fuq iz-zwieg fil-profondita';*

*Illi, ma ftaht qalbi ma' hadt fuq dawn it-turbamenti li kelli qabel ma izzewigt. Kont inghalaqt hafna u nibza nitkellem. Ghalija normali li ma noqghodx nitkellem fuq l-affarijiet tieghi. Lil min tridni nghid li kien hemm xi hadd li iddegradani daqshekk."*

Illi l-attrici giet ukoll mistoqsija jekk meta kienet ser tizzewweg kinitx thoss li ghandha titkellem ma' xi hadd biex tifhem x'ifisser iz-zwieg u kif ser jaffetwalha hajjitha. Hi wiegbet:

*"Illi, le. Meta gejna lura Malta wara li konna ilna hawn xi tlett gimghat ghamilna festin. Ahna izzewwigna Tunez u gie Registrat Malta ukoll. Fil-festin kien hemm il-genituri tieghi. Fil-fatt il-genituri hallsuh. Kienu accettaw. F'dak l-istadju ma kienx hemm problemi. Qabel ma izzewwigna tkellimna fuq tfal izda mhux fid-dettal. Kien jghid li jrid tifel. Fuq trobbija ma tkellimniex. Ma ghamilliex kundizzjonijiet fuq it-trobbija tat-tfal. It-tifel mghammed. Konna ftehmna*

*fuq it-trobbija tat-tifel. Kellna nuqqas ta' qbil fuq il-fatt li r-ragel ried jaghmillu cirkoncizzjoni u jien opponejt u ma saritx. Il-bqija qatt ma iddiskutejna "as such";*

*Illi, apparti l-incident fl-affidavit pagna 14, l-ahhar paragrafu fejn issemmiet omm ir-ragel ma kienx hemm iktar incidenti ta' dak it-tip. Incidenti ta' ghajjat u theddid kien hemm. Kien jaghmel dan ghal kull haga ta' xejn."*

Illi l-attrici fl-affidavit taghha xehdet elaborat kif l-konvenut kien elokwenti hafna meta jiddeskrivi il-grajjiet ta' hajtu. Jirrakkonta b'hafna emozzjoni u apparenti sincerita' li lilha immpressjonawha hafna anki peress li qabblu qatt ma kellha relazzjoni serja. Sa mill-bidu nett kienet ittih il-flus. Fil-fatt qabel ma marret lura Malta meta iltaqghet mieghu it-Tunizja hallietlu xi flus. Din is-sitwazzjoni baqghet tul ir-relazzjoni taghhom. Hi kienet spiccat taghmel li jghidiha sforz l-istess infatwazzjoni taghha u b'hekk li izzewget wara biss ftit xhur li ltaqghu.

Illi hija ccarat li kien wara madwar 4 snin zwieg (u meta kienu gja separati) li saret taf li l-konvenut kien il-habs fl-Ingilterra u li kien mizzewweg mara Olandiza, certa G. Vis li twieldet fl-1945. Damu mizzewgin madwar 9 xhur u wara ddivorzjaw. Dawn l-affarijiet saret tafhom mhux ghax qalhomlha l-konvenut izda l-aktar fuq dak li qaltilha dik li kien qalilha li kienet l-ewwel mara tieghu (Vivienne van der Zanden) u li fil-fatt ma kienux mizzewgin.

Illi hija xehdet hekk dwar episodju li qam bejn l-konvenut u r-ragel ta' ohtha:-

"*Illi, lejla wahda konna ghand Rita u Max ghall-barbeque fuq il-bejt. Max qal lil Moiffek li kien iltaqa' ma' ohti u li din kienet qaltlu biex jiehu ftit hsiebna ghax konna qed nghagglu wisq. Moiffek irrabja ferm u beda jghid, "I will show her.- .. I will kick her …... .. Tony and hers." Max iccassa u pprova jikkalmah. Wara Max qalli, "Jien ma kontx nobsor li ser jaghmel hekk ghax kieku ma kont nghidlu xejn." Lura lejn id-dar mohhu baqa' jbehren dwar kif kien ser ipattiha lil Tanya u Toni;*

*Illi, x'hin wasalna lura d-dar, inzerta li hija kien ghadu mqajjem. Moiffek mar hdejh u qallu li ried joqtol lil Toni. Hija ried icempel lill-Pulizija, imma jien kien irnexxieli nikkwieta xi ftit lil Moiffek u niehdu fil-kamra tieghu. Qalli, "Make sure that tomorrow you wake me up at half past six." L-ghada kien il-Hadd;*

*Illi, filghodu ma mortx inqajmu, izda x'hin stenbaht jien, Moiffek kien diga' qam. Insibu qaxxar xaghru bix-'shaving machine' li kont xtrajtlu jien, libes qafla madwar rasu, u b'imqass kien qed iqatta' hwejgu u jarmihom. Kien donnu Rambo lest ghall-gwerra. Nizel isfel jippassigga bir-rabja. Jien ma kontx naf x'ser naqbad naghmel. Bdejt inhoss l-art iddur bija. Naf li qal x'kellu fi hsiebu jaghmel lil ommi u lil missieri li haduha kontrieh. Telaq 'il barra u baqa' sejjer ghand Rita. Din lanqas biss gharfitu x'hin ratu f'dak l-istat, u bezghet minnu. Naf dan kollu ghax jien mort nigri warajh biex nzommu, izda ghal xejn;*

*Illi, mort warajh ghand ohti ghas-sodisfazzjon. Tanya spjegatlu li kienet qalet dak il-kliem lil Max ghax hu kien jarana ta' spiss u allura seta' jiggwidana iktar milli setghet hi. Kien donnu kkalma specjalment wara li Toni talbu skuza talli meta Itaqa' mieghu l-ewwel darba kien qallu l-kliem "then go home". Pero' Moiffek ma kienx jaf fejn ser jaqbad jaghti rasu ghax wara l-paniku li kien qala' d-dar, zgur li l-genituri tieghi ma kinux ser jergghu jilqghuh. Iddecidejna li mmorru ghand iz-zija Freda. Cemplilha hija Franco li kien qieghed ghand ohti (kien mar qabilna biex jilhaq jinfurmaha b'dak li kien gara) u wassalna bil-karozza tieghu;*

*Illi, Franco, qabel dhalna ahna, informa fuq fuq liz-zija Freda x'kien gara, u telaq 'l hemm. Iz-zija Freda ma kinitx taf x'ser taqbad tghid f'dawk ic-cirkostanzi u bdiet tkellimna dwar it-tieg. Ahna konna ghidnielha li xtaqna liz-ziju Joe (ir-ragel taghha) joqghod xhud, iz-ziju Joe mar fil-garaxx biex inkunu nistghu nitkellmu b'iktar liberta u forsi ghax ma riedx jidhol fil-kredu. Staqsiet lil Moiffek jekk hu kienx lest biex jerga' jizzewweg. Hu wiegeb le. Staqsietu, "Kemm tahseb li jonqsok zmien biex tkun preparat?" Hu wiegeb, "A year, maybe two." Komplew jitkellmu fuq l-*

*incident li kien gara dak inhar. Qablet mieghu li Toni ma kienx ghamel sew li laqghu b'dak il-mod, izda lanqas hu ma kien ghamel sew li rreagixxa b'dak il-mod f'dar in-nies. Cemplet lil ommi u lil missieri biex tghidilhom li ahna konna qeghdin ghandha u qaltilhom biex jigu huma wkoll. Meta waslu ma niftakarx ezatt x'intqal. Naf li z-zija Freda qalet li ma tahsibx li z-ziju Joe kien ser joqghod xhud ta' zwieg li ma kellux bazi soda u li hi ma kinitx ser tindahallu fid-decizjoni tieghu. Missieri qal lil Moiffek li ma riedx jerga' jarah go daru, u lili heddidni li jekk nibqa' ma' Moiffek kien ser jaqtaghni mill-wirt. Dan il-kliem ghamel iktar deni milli gid ghax kompla mbuttani f'halq l-iljun. Jien komplejt inhossni bhall-Erbgha fost il-gimgha. Xtaqt nisparixxi minn wicc id-dinja. Kont naf li dan l-inkwiet kollu gibtu jien meta kkommettejt ruhi ma' dan ir-ragel li bil-kemm kont naf. Fil-waqt li liz-zija kien qalilha li ma kienx ghadu lest ghaz-zwieg, lili kien dejjem jittallabli u jissikkani biex insalvalu hajtu u nizzewgu;*

*Illi, Moiffek telaq m'ghand iz-zija u jien tlaqt warajh. Imxejniha sa Hal Luqa minn Haz-Zabbar. Cempilna lil Lourdes Attard (habiba tieghi) mill-klabb tal-bocci u staqsejtha jekk Jason (il-boyfriend taghha) setax iwassal lil Moiffek ir-Rabat biex imur fil-flat li missieri stess kien ghena nikru ghal meta nizzewgu. Lourdes semghetni agitata u xi ftit hin wara gew ghalina. Moiffek garr hwejgu u Lourdes u Jason wassluna. Dan kien Gunju 1994".*

Illi saret taf ukoll li l-konvenut kien gideb fuq is-sitwazzjoni ta' ommu:-

*Illi, darba kont qieghda ma' ommu u ma' ohtu waqt li kienu qed isajru. Staqsejt lil ommu kemm kienet ilha ddivorzjata. Din baqghet iccassata thares lejja. Fil-bidu bdejna nahsbu li kelli xi zball fil-lingwa, imma mbaghad ghidtilha li Moiffek kien qalli li hi kienet iddivorzjata u li r-ragel li kienet mieghu kien zijuh. Hi u bintha nfaqghu jidhku u qaluli li ma kien veru xejn. Leila (oht Moiffek) qaltli li Tijania (omm Moiffek) u Mohsen (ir-ragel li kien jghix maghha) kienu zzewgu u baqghu dejjem flimkien u li Tijania ma kienet iddivorzjata minn ma' hadd. Qaltli wkoll li l-erba' wlied kienu lkoll l-ulied naturali minn dak iz-zwieg.. .. insomma*

*familja normali bhalma nafuha ahna. Qaluli li Moiffek forsi rrakkonta din l-istorja ghax ma kellux grazzja ma' missieru u ghax ried jikkmanda hu.”*

Illi hija elaborat hekk fuq theddid:-

*“Illi, fl-ahhar ta' Ottubru Moiffek beda jghidli li kien jixtieq igib revolver. Dejjem irrifjutajt haga bhal din. Kull meta kien jirrabja kien jhedded li ghad jizvoga r-rabja tieghu billi joqtol "Malti kelb u liba". Dan l-agir kien ibezzaghni. Kien sahansitra jhedded li joqtol lil ommi u lil missieri kull meta jaghtu xi suggeriment rigward ix-xoghol tieghu u l- mod kif inqassmu flusna. Ftit jiem wara beda jghid li fil-fatt kien diga' gab arma. Ghidtlu li kont ser incempel lill-pulizija biex jigu jfittxu fil-flat. Jien ma ridt ebda arma go dari. Qabad, dahal go l-'ispare bedroom', hareg b'xi haga li kienet tidher tqila u soda, li kellha forma ta' revolver, u li kienet imgezwra go basket tal-plastik, u telaq 'il barra.”*

Illi fuq kif saret taf certi fatti li l-konvenut kien hbielha xehdet hekk:-

*“Illi, ghalhekk iddecidejt li nibda nfittex dwaru, haga li m'ghamiltx qabel ghax dejjem emmint fl-onesta' tieghu. Kelli tarf mnejn nibda. Bil-mohbi kont hadtlu n-numru tat-telefon ta' Vivien, dik li kien qalli li kienet l-ewwel mara tieghu. Hadt cans u cempiltilha. Qaltli li:*

*Moiffek u hi qatt ma kienu zzewgu, izda fil-fatt kellhom 'partnership' li biha Moiffek seta' jghix l-Olanda;*

*Illi, maghha Moiffek kien vjolenti u tant kienet tibza' minnu li lanqas ma rgiel barra ma kienet titkellem, ahseb u ara kemm kienet ser iddahhal ragel iehor id-dar;*

*Illi, l-istorja tal-mara fis-sodda ma' ragel iehor Moiffek kien qalha lilha ghall-mara li kellu l-Ingilterra;*

*Illi, kien jhedded li joqtol lil ommha u lil missierha;*

*Illi, huha kien ikkommetta suwicidju minhabba fih;*

*Illi, Tunez qatt ma ried joqghod u tal-familja tieghu ma riduhx ghax dejjem kien jaqlaghlhom l-inkwiet;*

*Illi, meta ra li l- 'partnership' taghhom kienet ser tintemm, izzewweg mara ohra ghoxrin sena ikbar minnu;*

*Illi, meta hi temmet il-'partnership', Moiffek ipprova jtajjarha bil-karozza;*

*Illi, l-Ingilterra kien il-habs wara li kisser il-'jaw' ta' Helen (il-mara li kellu hemmhekk);*

*Illi, telaq mill-Olanda mkecci wara li gie zvalidat iz-zwieg ta' konvenjenza bejnu u G. Vis;*

*Illi, kien 'confidence artist' u li dejjem kien ifittex nisa f'pozizzjoni tajba;*

*Illi, ma riedx jahdem;*

*Illi, kienet ser taccetta li tixhed fl-ambaxxata, imma dawret il-hsieb ghax bezghet peress li Moiffek kien jaf fejn joqoghdu ommha u missierha;*

*Illi, meta bghatt ghad-dokumenti necessarji, kollox kien veru. Deherli li kien kaz ta' annullament ghax dwar dawn l-affarijiet lili ma kien qalli xejn. Ghalhekk ftaht din il-kawza."*

Illi **Alfreda Busuttil** xehdet hekk fl-affidavit taghha:

*"Illi, jiena Alfreda Busuttil li nigi z-zija (mother's side) ta' Doreen Costa;*

*Illi, Doreen u Moiffek gew id-dar tieghi gurnata fis-sajf ta' l-1994. Wassalhom Franco, hu Doreen, u kienu jidhru inkwetati- Franco qalli li kien gabhom ghandi peress li d-dar taghhom kien inqala' xi nkwiet bejniethom (Doreen u Moiffek) u l-genituri. Xi granet qabel Doreen kienet talbitna biex zijuha Joe, zewgi, joqghodilhom xhud fiz-zwieg li kienu ser iwettqu fil-futur qarib;*

*Illi, meta Franco wassal lil Doreen u Moiffek id-dar, hu telaq u hallihom ghandi. Bdejna nitkellmu flimkien, (jiena, Joe, Doreen u Moiffek). Jiena kellimthom bil-kalma kemm stajt u bdejt nipprova nurihom li ma jistax ikun li jwettqu pass daqshekk serju (zwieg) fi zmien daqshekk qasir. Doreen kienet titkellem u xi kultant tibki u Joe, dak il-hin, qalli li jkun ahjar jekk hu jmur fil-garaxx biex Doreen thossha aktar fil-liberta'. Hin minnhom Moiffek qalli li hu jhoss li mhux qed jigi milqugh ghax m'ghandux flus, ghax ghal Tuse' il-flus jaghmlu hafna impressjoni. Jien ma kkummentajt xejn dak il-hin. Jiena bdejt nikkomunika l-aktar ma' Doreen biex nikkonvinciha ma tghaggilx. Hi wegbitni li jien kont qed nirraguna tajjeb, izda li ma kinitx taqbel mieghi;*
*Illi, wara jien dort fuq Moiffek u ghedtlu, 'Moiffek, jien m'ghandi xejn kontra tieghek ghax inti Gharbi. Kieku kont Malti lil Doreen xorta kont nghidilha l-istess : biex ma tghaggilx.' Komplejt u ghedtlu, 'Moiffek, jien ser inkellmek qisni ommok. Hares lejja u wegibni bis-serjeta'. Tahseb li inti lest biex tintrabat issa daqshekk malajr ?' Hu mill-ewwel wegibni* ***le-*** *Jien ergajt staqsejtu, 'Xi kemm tahseb trid zmien biex tahsibha sew?' Hu wegibni, 'One or two years';*

*Illi, dak il-hin jien dort fuq Doreen u ghidtilha, 'Xi tridu jghidlek izjed? He is not yet prepared!' Dak il-hin Moiffek qam u qalli li ahjar imur. Doreen bdiet tibki u gibditu mill-but tal-qalziet biex joqghod hemm. Jien ghajjattilha, 'Doreen!' biex forsi tigi f'sensiha, izda hi ssikkatu aktar biex ma jmurx;*

*Illi, hawnhekk jien aktar ikkonfermajt dak li dejjem kont nahseb fuq Doreen - li kienet qed tbati minn 'very low self-esteem'. Doreen hija tfajla helwa, izda l' figura ma taqlaghhiex ghax kienet hoxna;*

*Illi, dak il-hin jien ghidtilha, 'Ismaghni, Doreen, dan mhux zwieg serju. Jien ser nghid liz-ziju Joe li Moiffek mhux lest biex jizzewweg ghal issa u li dan ser ikun zwieg falz. Ghalhekk kont ser nghid lil Joe li jekk ser joqghodilkom xhud, hu ser ikun xhud ta' zwieg falz;*

*Illi, dak il-hin Moiffek aktar iddecieda li jitlaq u beda hiereg lejn il-bieb ta' barra, b'Doreen izzommu, imma mbaghad waslu t-tnejn hdejn il-grada ta' barra u baqghu sejrin. L-ahhar kelma li ghidtilha kienet "Doreen ahsibha sew. Qed tghaggel wisq!"*

Illi **Alfreda Busuttil** ipprecizat *viva voce* li l-incient gara f'Mejju /Gunju.

Illi **Toussaint Costa** xehed hekk permezz ta' affidavit:-
*"Illi, fil-vakanzi ta' l-Ghid tas-sena 1994 binti Doreen marret tqatta' gimgha btala f'Sousse, it-Tunezija. Minn hemm, ghodwa fost l-ohrajn, cemplitilna u qaltilna li ltaqghet ma' guvni Tunezin li hadha tara l-familja tieghu. Meta giet lura Malta qaltilna li huma kienu bi hsiebhom jiehdu l-'engagement' fis-sajf fit-Tunezija, bi hsieb ta' zwieg. Sew jien kemm ommha, minbarra li ghednielha kemm l-Gharab huma differenti minna fil-kultura, fir-religjon u fid-drawwiet, ghednielha li hi haga impossibbli li tkun taf bniedem fi zmien gimgha. Ghal dan hi wiegbet li fis-sajf li kien gej hi kien bi hsiebha tmur Sousse ha ssir tafu ahjar. Fil-fatt, flok ma marret hi, spicca biex gie hu qabel is-sajf, sewwa sew f'April, u ahna lqajnieh sahansitra f'darna. Dam joqghod ghandna xi xahar;*

*Illi, tkellimt hafna mieghu. Spjegajtlu li kien ikun ahjar ghalih li jerga' lura lejn Tunez u jsib xi job hemm, izda hu kien kontra din il-proposta ghax, skond hu, kien difficli hafna ghalih li jsib jahdem. Mhux biss, issokta jghid, imma jekk isib jahdem Sousse, hu ma kienx lest jiehu x-xoghol hemm ghax il-pagi kienu baxxi hafna. Hu xtaq jahdem hawnhekk fejn sew il-pagi kemm il-kundizzjonijiet tax-xoghol kienu ferm ahjar minn dawk tat-Tunezija;*

*Illi, minhabba li nqala' xi nkwiet bejnu u bejn membri tal-familja tieghi, jien keccejtu minn dari u mar joqghod fi flat a spejjez ta' binti Doreen. B'dan irrid infisser li kienet Doreen li kienet thallaslu l-kera tal-flat, tixtrilu s-sigaretti, hwejjeg. ecc. Aktar tard spicca mkecci minn Malta mill-Pulizija ghax ma kellux flus biex imantni lilu nnifsu;*

*Illi, Doreen ma bidlet xejn minn fehmitha: baqghet issostni li tizzewgu- Ghalhekk fis-sajf marret Sousse ghand il-familja tieghu bil-hsieb, sa fejn naf jien, li ssir taf ahjar lilu u l-familtu. Ghall-ahhar ta' Lulju cemplitilna u qaltilna li kienu se jizzewgu Sousse stess proprju fl-ewwel t'Awwissu, jigifieri f'affari ta' ftit jiem minn dak il-jum li fih kienet qieghda ccemplilna. Din l-ahbar hasdet mhux biss lili u lil marti imma wkoll lil hutha Tania u Franco. Marti riedet li jien u hi nitilqu immedjatament lejn Sousse biex nipperswaduha biex ma tihux pass hekk importanti f'hajjitha daqshekk malajr. Jien m'ghidtx le, imma ddubitajt kemm kelmti setghet ikollha effett pozittiv fuq binti. Jiena bzajt li meta tara lili, hi aktar tissoda fi hsiebha. Bhala missierha, kont nafha sewwa: hi dejjem kienet topponini. Jekk jien nghid abjad, hi tghid iswed. Ghalhekk wahidha hargitli l-mistoqsija lil marti: "Imma int tahseb li ahna se jirnexxilna nipperswaduha li ma tizzewwigx ghal issa u tistenna mqar sena?" Flok marti wiegeb ibni Franco li kien prezenti, zaghzugh tampar Doreen fl-eta' u fil-livell intellettwali, li certament kien jaf imur maghha ferm u ferm ahjar minni. "Daddy," qalli, "inti ibqa' hawn. Immorru jien u l-mummy. Nassigurak li jien jirnexxili ndawrilha fehmtha." Fil-fatt hekk ghamlu, imma xorta wahda ma pperswadawhiex biex tistenna mqar sena bhala thejjija tajba ghal zwieg felici;*

*Illi, hi u Moiffek Najar, ghax hekk kien jismu, izzewgu Sousse fl-1 ta' Awwissu, 1994, sewwa sew meta kienet ilha tafu madwar erba' xhur biss. U dan ghamluh biex hu jkun jista' jigi jahdem Malta. Dan ammettewh it-tnejn li huma meta gew lura Malta u ammettewh quddiemi. Qed nghid dan ghaliex huwa stess, Moiffek, kien qal kemm lili u l- marti, li jekk ma nizzewwighiex ma nistax nahdem f'Malta ghax ma jkollix working permit. Dan id-diskors kien qaluli qabel iz-zwieg meta kien ghadu Malta f'April 1994. Irrid nghid ukoll li anki binti gieli qaltli, anke' qabel iz-zwieg, li hi ha tizzewweg sabiex Moiffek ikun jista' jahdem f'Malta;*

*Illi, fl-opinjoni tieghi dan juri bic-car li Moiffek ha lil binti Doreen b'martu mhux bi skop sincier ta' zwieg leali u*

*mhabba, imma bi skop brikkun u dizonest li jkun jista' jidhol Malta biex jahdem. Dan kien ingann;*

*Illi, il-prova ta' dan li qed nghid hija sewwa sew l-imgiba tieghu ma' Doreen proprju fl-ewwel gimghat u xhur ta' wara z-zwieg. Xi ftit fatti biex nipprova dan li qed nghid;*

*a) Mar ghamel tattoo meta Doreen qatt ma ghogbitha din il-haga. Ghad li qaltlu biex ma jaghmilhiex, hu sfidaha;*

*b) Kellu tip ta' relazzjoni ma' tfajla li kienet tahdem mieghu fil-fabbrika Paglieri; meta qbadnieh qalilna li t-tfajla kienet marida u li hu kien thassarha u li ghalhekk kien imur jaraha;*

*c) Sar vjolenti anki fuq il-post tax-xoghol. Meta keccewh jew gaghluh jitlaq, qalilna li l-fabbrika kienet qieghda taghti s-sensji. Jien mort personalment inkellem il-'manager' biex naqbez ghalih u biex forsi jzommu. Billi l-'manager' ma kienx hemm, kellimt lis-segretarja tieghu li qaltli li l-fabbrika mhux veru kienet qieghda taghti s-sensji, izda l-kontra : riedet timpjega aktar 'machine-operators'. L-ghada cempilt lill-'manager' u tlabtu biex lil Moiffek ma jtihx sensja. 'Mela x'naghmel,' qalli b'vuci soda u qawwija. 'Dak Alla helisni minnu. Dak jien ma tajtux sensja, izda telaq 'l barra wahdu. Jien ma nistax naghti sensji ghax inkun qed nikser il-ligi. Issa li telaq minn jeddu, dak hawn gew ma jergax jidhol. Fejn taf kemm kien jaqlaghli nkwiet? Dejjem jiggieled ma' shabu. Dak kien jigi hawn sahansitra armat.' Fil-fatt din l-arma kienet xi ghamla ta' stallett, sikkina kbira jew 'flick-knife'. Omm marti, jigifieri n-nanna ta' Doreen, allura l-kunjata tieghi, meta saret taf li kellu arma fuqu, bezzghetu u heddidtu li jekk ma jmurx jarmiha fil-bir, hi kienet lesta li tmur tirrapportah l-ghassa. Fil-fatt spicca biex din l-arma tefaghha fil-bir tad-dar tal-kunjata tieghi. Dan kien ghall-habta ta' Ottubru 1994;*

*d) Sirt naf li ghad li kien qed jaqla' aktar minn tliet mitt lira (Lm300) fix-xahar, lil Doreen qajla kien jaghtiha habba. Hu stess kien qalli li 'when I'm with my friends, I don't care how much money I spend as long as I'm enjoying myself.' Hu kien qalli wkoll li l-paga kien jonfoqha ma' hbieb jew*

*jilghabhom. Biex tghattilu Doreen kienet qaltli li kellu xi dejn ma' xi Tunezin f'pajjizu u li kien ukoll jibghat xi haga lil ommu biex jghinha. Li veru kellu d-dejn u li veru ried jghin lil familtu, seta' ghamel dan b'mod prudenti u modest minghajr ma jhalli l-martu u aktar tard lil ibnu wkoll nieqsa mill-ghajnuna finanzjarja tant mehtiega ghall-familja li tkun ghadha qed tibda l-hajja taz-zwieg;*

*e) Kellu jew ma kellux dejn hi haga immaterjali. L-essenzjal hu jekk hu zzewwigx lil Doreen b'imhabba matrimonjali sinciera jew bi skop li jinqeda biz-zwieg biex johrog mit-Tunezija (fejn kien imdejjaq) jigi Malta, isib ix-xoghol u jakkwista c-cittadinanza Maltija. Tant ma kellux imhabba lejn Doreen qabel iz-zwieg, tant kien gidbilha li ma kellux flus x'jaghtiha, li fil-fatt, kemm damu jghixu flimkien hu siefer wahdu tliet darbiet; darba mar l-Ingilterra, u darbtejn ohra lejn Sousse ghand ommu. Jidhirli li mar darb'ohra ghand ommu bit-tifel biex juriha kemm kiber u kemm sar gustuz;*

*Dawn il-fatti li sehhew immedjatament wara z-zwieg ta' bejniethom juru bic-car l-ewwel li ma kienx hemm preparazzjoni tajba ta' qabel iz-zwieg, (Nirrepeti* ***zzewgu*** *fi zmien erba' xhur), u t-tieni li Moiffek ha lil binti Doreen fiz-zwieg bi skop ulterjuri, makakk u dizonest."*

Illi **Adreana Costa** xehdet hekk permezz ta' affidavit:
"*Illi, minn meta gie Moiffek id-dar f'April 1994 ma qghadniex bi kwietna ghall-mument wiehed biss. Ghall-bidu li gie beda jghid li missieru kien telaqhom, li kien sinjur hafna u issa ghandu hafna djar kbar u lussuzi. Staqsejtu xi skola kellu u qalli li jaf il-kompjuter u li jaf jitkellem bil-Franciz. Qal li kien gej mill-Olanda. Kien jaqla' hafna flus, imma kien jitlef kollox fil-loghob. Fil-fatt, xi jiem wara li gie Malta f'April 1994 kellu xi ftit flus li tathomlu Doreen u tahom lil Franco, hu Doreen, biex izommhomlu ghax beza' li jilghabhom;*
*Illi, meta staqsejtu ghala kien gie mill-Olanda u kemm kien ilu hemm, hu qalli li hemmhekk kien izzewweg lil certa Vivien Van der Zanden u wara kienu ddivorzjaw. Qal ukoll li kienu ddivorzjaw ghaliex hi kienet tonfoqlu hafna flus. Zied jghid li tfal ma kellhomx. Din il-bicca tad-divorzju lili xejn ma ghogbitni, imma Doreen qaltli li ghaliha ma kienx jimporta u li kulhadd kellu dritt ta' cans iehor fil-hajja. Kont nixtieq insir naf izjed, izda ma stajtx. Ghalissa kelli noqghod fuq kelmtu;*

*Illi, issa rrid nghid li Doreen kienet tfajla naive u idealista ghall-ahhar. Kulma kienu jghidulha l-lecturers l-Universita' kienet temmnu kollu. Gieli kienet tigi b'ideali li niddiskutu. Kont nghidilha li certi ideat iregu fuq il-karta biss. Bhala ezempju gieli semmejna l-Komunizmu. Kont nghidilha li dan wara falla, izda xorta kienet izzommu bhala ideal, sintendi ghaliex kien gie pprezentat lilha b'mod sabih minn xi lecturer. U hekk ghal ideat ohrajn;*

*Illi, kienet temmen li d-dinja hi pajjiz ta' kulhadd, li m'ghandu jezisti ebda still ta' razzizmu u li bl-imhabba u l-ezempju tajjeb tista' tirbah kull bniedem u tibdel ghall-ahjar il-mod ta' kif jghix;*

*Illi, Doreen kienet ghadha kemm bdiet tghallem u kienet ghaddejja minn zmien difficli. Il-piz tal-klassi u l-ambjent gdid bil-pressjoni li tohloq is-sistema kienu wisq ghaliha. Ghalhekk, ghall-habta ta' Novembru kienet ghaddiet minn zmien ta' depressjoni u sintendi sa April - Mejju kienet ghadha vulnerabbli. B'hekk, nahseb, li ma' l-ewwel bniedem Ii gibidha lejh kienet thoss li sabet il-partner*

*addattat ghaliha. Certa fuq certa li Doreen kellha biss infatuation ghal Moiffek u mhux imhabba vera;*

*Moiffek hu bniedem li facli temmnu u jgieghiek tissimpatizza mieghu. Ghandu mod kif jitkellem li jaf jirbhek u bla ma tinduna temmnu f'kollox. Jibki malajr u jgieghdek thoss ghalih. Trid iddum taghmilha mieghu biex tinduna li dak li qed jghid ma jfisser xejn. Nghid is-sew anke' jien gieli emmintu kollox u thassartu. Ghall-ewwel ma tajtx kas li kien fqir hafna u kont lesta naccettah kif kien, imma mbaghad, meta beda jaqla' l-inkwiet, kelli nbiddel fehmti. Il-hazin hu li jien biddilt fehmti, imma Doreen Ie. Kien irnexxielu jgibha fi stat li ma temmen lil hadd hliefu, la temmen lili, la lil missierha, la lil hutha, u lanqas lil hbiebha; lil hadd hliefu. Dan kien jaghmlu bl-ilsien helu li juza maghha. Kien sab il-mod kif japprofitta ruhu mill-imhabba genwina taghha, tant kellu habta jigbed il-hniena u s-simpatija lejh;*

*Illi, kont immur l-iskola fin-nofs ta' nhari. Darba, x'hin gejt lura mill-iskola, Doreen qaltli biex inwassalhom Birzebbuga biex imorru jghumu. Jien kont ghajjiena hafna u ghidtilhom jistennew ghax ma kellix aptit insuq go dik ix-xemx tisreg. Hu ghamel in-nervi u tela' 'l fuq bla ma kellem lil hadd, Baqa' bil-geddum u wara li offrejtilhom biex inwassalhom, hu ma riedx imur. Dak il-hin hassejtu veru wiccu tost;*

*Illi, darba ohra marru B.B.Q. fuq il-bejt ta' certa Rita, habiba ta' Doreen. Ftit wara li gew lura, bil-lejl, mar iqajjem lil Franco u qallu li ried joqtol lil Toni, ir-ragel ta' Tania, oht Doreen, allura binti wkoll, ghax qal li dan kellu ghalih. Filghodu ghidna lil Doreen x'kien gara u Moiffek baqa' rrabjat. Jien deherli li ma kellux joqghod izjed go dari u ghidt lil Doreen issiblu fejn joqghod. Sadattant Moiffek kien dejjem irrabjat. Kellna tensjoni kbira d-dar. Franco, wara dak il-lejl li semmielu li ried joqtol ll Toni, ried imur jirrapporta l-kas lill-pulizija, izda ahna ma hallejniehx. Lil Doreen konna nghidulha li dan il-bniedem mhux ta' min jafdah u li kien brikkun u gelliedi, izda hi qatt ma riedet tisma' minna. Kienet tiskuzah f'kollox u tghidilna li maghha*

*kien jimxi sew u li qed jaghmel hekk ghax kien hemm* ***xi*** *nuqqas ta' ftehim;*

*Illi, dan gie Malta bil-kemm kellu x'jilbes u centezmu li hu centezmu ma kellux. Dejjem tajnieh li kellu bzonn u maghna qatt ma kien nieqes minn xejn. Pero', minnu nnifsu kien dejjem jaqla' l-glied;*

*Doreen sabitlu dar Hal Luqa u aktar tard flat tas-Sliema. Kienet thallaslu kollox hi. Kienet tibqa' sejra ghandu wara l-iskola. Darba qaltilna li hu ried ikellimna. Ahna, jigifieri jien u zewgi Tuse', morna. Domna saghtejn hemm, il-hin kollu jitkellem u jixrob il-whisky. Jekk issaqsini x'qal, nghidlek ma nafx ghax hlief griefex ta' wiehed sakranazz ma harigx minn fommu. Lil Doreen kont ghidtilha li dan il-guvni ma kienx jghodd ghaliha, imma hi qaltli, 'Possibbli li ma tara xejn tajjeb fih ?' Jien wegibtha li le u li qisha dahhlitli xi bniedem ta' qattaghni go dari. Ghidtilha li jekk trid taghmel il-gid ma' nies bhal dan, messha tmur social worker. Talbitni biex nerga' naccettah id-dar u li issa zgur joqghod bil-ghaqal. Hadt parir u qaluli li ahjar issiblu post fejn joqoghdu flimkien halli jekk il-problemi kienu gejjin minhabba fina, dawn jisparixxu u jaraw jekk imorrux tajjeb flimkien huma t-tnejn bejniethom. Sabu post ir-Rabat, dejjem thallas Doreen, u mar joqghod hemm, u Doreen kienet tmur ghandu wara l-iskola. Doreen kienet tkun daqqa ferhana u daqqa mdejqa. Sirt naf li anki bejniethom kien qed ikollhom l-inkwiet. Lilha kemm-il darba ghidtilha biex titilqu u thallih imur pajjizu. U lilu wkoll kont nghidlu biex imur lura pajjizu, jahdem ftit hemm, jaghmel xi ftit flus u Doreen tibqa' tahdem hawn. U jekk imn' Alla zgur li jibqghu jistennew lil xulxin;*

*Illi, hu kien jghid li pajjizu ma kienx hemm xoghol u li l-haddiem mhux imhallas. Kien jidher car li ma riedx imur lura. Hu daqqa kien jghid li ried jizzewweg lil Doreen u daqqa ma jghid xejn hlief jishet il-mument li ma kellux flus. Kien jghid ukoll li xi darba ghad ikollu flus ghax ghad jirbah xi rebha kbira. Kieku kienet ittih il-lala, il-flus li kienet taghtih Doreen zgur li kien jilghabhom kollha;*
*Illi, darba, wara xi wahda mill-glidiet u nkwiet li konna nghaddu minnhom, Doreen kienet ma tiflahx. Hadt l-*

*okkazjoni biex noqghod inkellimha, nispjegalha li dak ma kienx ta' l-affari tieghu, nuriha l-istampa vera tieghu x'inhi, u wara xi saghtejn irnexxieli nismaghha tghid li se titilqu. Weghditni li mhux se tiltaqa' mieghu izjed u dak inhar harget ma' hbiebha. Qaltilhom b'kollox u li anke' lilha kien qed jittrattaha hazing. Izda l-ghada cempel hu, u l-hmara li jien, meta staqsa ghaliha ma gdibtx, u ghidtlu li kienet id-dar. Ghajjattilha u giet tkellmu. Regghu ghamlu appuntament biex jergghu jiltaqghu, u minn dak in-nhar baqghet mieghu. Addiju l-weghda li kienet ghamlet mieghi!*

*Illi, haga ohra li ma ghogbitinix kienet ghall-habta ta' Gunju. Doreen filghodu kienet tkun l-iskola u hu gieli qam malli titlaq hi u kien icempel lil Rita, il-habiba taghha li ghandha kien sar il-B.B.Q. Wara ftit kien imur ghandha. Jien ghall-ewwel ma hsibtx hazin. Rita kienet mara ta' l-affari taghha u habiba sinciera ta' binti Doreen. Din toqghod fit-triq ta' warajna. Kienet tipprova tipperswadihom biex ma jghagglux jizzewgu. Imma mbaghad gara xi haga li permezz taghha Doreen iggieldet ma' Rita. Wara li kellimt lil Rita, din qaltii, 'Imnalla telaq ghax lili kien se jhassarli hajti,' u accennat li kien jaghtiha fastidju. S'intendi hu lil Doreen qalilha bil-maqlub u hi lilu emmnet. Hi kienet thobbu wisq u kull ma jghidilha kienet temmnu. Kienet thobbu b'qalba biss, bil-passjoni izda minghajr ir-raguni ta' l-intellett;*

*Gieli kien jghid li ma jridx jizzewweg ghal issa u gieli kien jghid li ahjar ifittxu jizzewgu ha jkun jista' jahdem hawn Malta. Kemm-il darba qal li jhossu mgerfex u ma jafx x'se jaqbad jaghmel. Imma kull meta ssikkajtu u rragunajtu biex imur Tunez, qatt ma ried imur dejjem minhabba fi skond hu jekk jitlaq Tunez mhux ser isib xoghol tajjeb daqs kemm jista' jsib Malta. Kien jidher car li l-uniku skop li ghalih kien gie Malta kien li jsib xoghol hawn u mhux ghax kien ihobb 'il binti;*

*Illi, lil Doreen kien juriha li jhobbha tassew. Darba qrajt ittra tieghu (bil-mohbi) u hlief kliem ta' mhabba u 'I love you' ma kienx fiha. Pero jien dejjem hassejt li l-imhabba vera kienet one-way traffic, min-naha ta' binti biss.. Binti*

*kellha imhabba ghamja lejh fi mhix il-vera mhabba li trid tuza kemm il-mohh u l-qalb ghaliha. Kienet fragli wisq u halliet lilha nnifisha tigi manipulata u posseduta minn Moiffek;*

*Kien xi Gunju. Hu nqabad mill-pulizija u gie mibghut lejn it-Tunezija ghax ma kellux flus bizzejjed biex imantni lilu nnifsu hawn Malta. Malli wasal nofs Lulju, Doreen marret hdejh bil-hsieb li tara kif imorru flimkien. Wara biss ftit jiem cemplitilna u qaltilna li kienet se tizzewgu fl-1 ta' Awwissu u biex ahna mmorru ghat-tieg. Tlajna t-Tunezija jien u ibni Franco mhux ghall-festa tat-tieg, imma biex nipperswaduha biex tistenna, biex indahhlulha f'rasha li erba' xhur kien zmien qasir wisq biex tizzewweg, li hu ma kienx jidher li jhobbha, imma kien kollu ghal xejn;*
*Illi, darba wahda qabbadt lil ohtha Tanya tehodha ghand psikologista bil-mohbi. Din kellmitha, imma wara kien kollu ghal xejn. Doreen irrabjat u wara qaltli, 'Ma, jekk trid tghinni mhux tibghatni ghand psikotogista, imma aghtini l-flus ha nizzewgu.' Jien wegibtha li jekk naghtiha l-flus biex tizzewgu ma nkunx qed nghinha, imma nkun qed ngharraqha;*

*Illi, pero' jkolli nistqarr li aktar ma bdejt nipperswadiha aktar bdiet twebbes rasha u tingibed lejn Moiffek. Donnu li bdiet titbieghed minna u tahseb li ahna ma ridnihiex tizzewgu ghal xi pika. Ghalhekk hi aktar bdiet tissoda fil-hsieb taghha, aktar bdiet ma tiftahx qalbha maghna u aktar hasset li z-zwieg biss seta jsolvilha l-problemi kollha;*

*Illi, ftit wara li zzewget, gew joqoghdu Malta. Aktar tard, gie missieru jarahom. (Dan mhux veru kien telaqhom u lanqas ma kien xi sinjurun, kif kien jghid Moiffek). Dak inhar Moiffek qala' glieda ma' Doreen u din bdiet tibki u tghidli, 'Ma, jien irrid biss li jhobbni ftit bhalma nhobbu jien;*

*Illi, meta mbaghad Doreen kienet tqila b'Mark, hu kien sejjer l-Ingilterra wahdu. Gie ghandna biex inwassluh sa l-ajruport. Dak inhar kellna l-funeral t'omm zewgi Tuse'. Xott xott qalilna li bejnu u bejn Doreen ma kien baqa' xejn hlief it-tarbija. Kienet hasda kbira ghalija u ghal zewgi.*

*Kien diga qed juri li z-zwieg ghalih kien biss wiehed ta' konvenjenza."*

Illi l-**konvenut Moiffek Najar** xehed *viva voce* hekk:

"*Illi, jiena ltqajt ma' Doreen fit-3 ta' April 1994 f'Tunez Sousse go Cafeteria. Kont bil-leave, dak iz-zmien kont Dutch representative Oasis Tour Sousse. Kont ibbazat Tunez wara xi zmien li kont barra minn pajjizi;*

*Illi, meta dhalt sibt lil siehbi Mohammed u sid il-hanut li kien qed jitkellem ma l-attrici. Jiena nvitajtha u l-ohrajn jigu dak in-nhar filghaxija jiehdu drink mieghi u l-groupp li kont ghadni kif kelli x-xoghol u fil-fatt l-attrici giet. Qaghdna xi siegha npacpcu bhala grupp u morna disco bhala grupp;*

*Illi, ergajna ilqajna l-ghada wara li cemplitli u hrigna flimkien;*

*Illi, iltqajna diversi drabi u sirna familjari. Ftaht qalbi maghha u hi l-aktar qaghdet tisma! Hi qaltli fuq il-familja taghha u xi problemi li kellha ma missierha u li ddejqet f'dik il-hajja. F'dak il-mument kont interessat fiha izda ma kontx inhobbha;*

*Illi, jiena ghidtilha terga tigi Tunez u hi qaltli nigi Malta;*

*Illi, hi telqet u kienet iccempilli u jien cempilt xi darba;*

*Illi, iddecidejna li fl-24 ta'April nitla' Malta u hekk ghamilt. Jien ippjanajt li nigi 3 gimghat;*

*Illi, l-ewwel gimgha mort noqghod ghand il-genituri taghha. Missierha u ommha qaluli norqod fil-kamra taghha u hi torqod ma' huha;*

*Illi, fil-fatt l-attrici kienet torqod mieghi. Meta l-genituri taghha indunaw b'dan precizament missierha inqala hafna inkwiet;*

*Illi, jien kelli nitlaq, mort tas-Sliema. Il-post ma ghogobniex u ridt immur Tunez. Wara xi erbat ijiem giet omm l-attrici u saqsietni nerga mmur lura go darhom u hekk ghamilt;*

*Illi, kien hemm hafna tensjoni bejni u l-familja taghha. Ma' huha Franco ma qbiltx. Ma' missierha kont ningieb mal-qbija le;*

*Illi, s-sitwazzjoni baqghet tmur ghall-aghar u iddecidejt jew mmur Tunez jew insib fejn noqghodu sakemm jibdew il-vaganzi tal-iskola u l-attrici li kienet teacher setghet tigi Tunez mieghi;*

*Illi, jien mort ir-Rabat u kont inkun hemm u hi tigi tarani kuljum u fil-weekend toqghod mieghi;*

*Illi, domt ir-Rabat qisu xahar u nofs. Doreen laqqatni ma Lourdes, Jason u hbieb ohra taghha;*

*Illi, jien ma kont impjegat fiss, kont ghadni probation qed nistenna licenzja ta' Guide u b'hekk stajt inkun Malta;*

*Illi, jiena ma stajtx immur ghand il-genituri ta' Doreen ghax ommha qaltli ma nigiex 'l hemm;*

*Illi, darba gew il-Pulizija ir-Rabat u qaluli li qed ifittxu flus barranin misruqa. Fittxu u ma sabu xejn. Inzilt il-Furjana mal-Pulizija u bdew jinterrogawni. L-ewwel domanda li saqsewni kienet ghalfejn ridt nizzewweg lil Doreen Costa. Saqsewni niehux xi drogi u kontx l-Olanda. Saqsejthom ghalfejn qieghed hawn u qaluli li rcevew telefonati li kelli flus barranin misruqa;*

*Illi, meta saqsejt il-Pulizija kif jafu fuq it-tfajla tieghi haduni go kamra ohra u ma tawniex spjegazzjoni ohra. Kont hemm xi siegha u nofs. Wara haduni l-immigration section izda jien kelli visa korrenti u rieduni nitlaq minn Malta fi zmien 24 siegha u riedu jibghatuni l-Libja. Urejthom il-biljett tal-ajru li kien ghas-7 ta' Lulju xi gimgha u nofs wara izda inistew li nitlaq;*

*Illi, meta hrigt rajt lil Doreen tibki u riedet tigi hdejja u ommha kienet qed izommha hdejn il-kancell ta' barra;*

*Illi, minn hemm haduni l-lock up tal-Belt;*

*Illi, il-lock-up hassni hazin u gie tabib u fil-fatt kont bil-bieb miftuh u l-ghada gbart l-affarijiet ir-Rabat u haduni l-airport u biddluli l-biljett u mort lura Tunez."*

Illi l-konvenut permezz ta' affidavit elabora li l-incident li kellu ma' Toni ir-ragel ta' ohtha kien gie esagerat, hu qal ukoll:-

*"That, about Max and Rita Cassar, they are a good couple and a good family. Everybody can make mistakes and there is forgiveness. But Doreen Costa wanted to break a family apart. Doreen said in her Affidavit pg-5 "Rita kienet tidher li kienet tiehu gost bil-kumpanija taghna u gieli meta kont nigi mill-iskola, Moiffek ma kienx ikun id-dar u jasal xi nofs siegha wara. Kien ikun ghand Rita u meta...." This is a lie because I don't remember I went to Rita by myself when Doreen was working and her husband Max at work. This is a lie and I feel sorry;*

*That, I have never said to Doreen "save my life" like she said in her affidavit on page 7. Doreen used to tell me "don't let me down" on page 7 of her affidavit. Doreen said "Ma niftakarx ghall-liema raguni Moiffek ghamel xi zmien joqghod go bedsit f'tas-Sliema" I think I am 100% sure why. Because they sent me out and her mother have found the place and they phoned up the owner of the flat. I'm very sorry about this. But this is the truth and Doreen wants to deny this;*

*That, I do remember that Doreen and I, we spoke about everything even about my marriage and about England in 1988, but I didn't go through all the details because it hurt me so much and on page 8 Doreen denied that she knew about it. It's not true. The question is, why Doreen does like this. I don't know what she wants to get from these lies;*

*That, on page 9 of her Affidavit, Doreen said I used to tell her "please help me . save my life... I will do anything for you" Let's say I said this to her before the marriage, and in this time it was like a war between me and her family and it ended up for me that I was arrested and tricked by her family and sent me back to Tunisia. After that, Doreen came to Tunisia and we got married there;*

*That, On page 11 Doreen said "Minn flusi beda jixtri hafna hwejjeg biex imbaghad ibieghhom Tunez." When I went back to Tunisia I was escorted by the police to get my things from the flat of Rabat. I got my suitcase with few clothes;*

*That, since I came to Malta I have never been involved in any problems like crime or drugs. Not even since I came to Malta, all my life. In 1994 when I came to Malta I didn't know anyone but her family and a few friends often plus we used to be every single day together. On page 12 "illum li nafu hafna iktar u naf il-mod ta' kif jahseb mohhu napprezza li kien probabbli veru dak li ntqal fuqu mill-pulizija." I went to say that till today I never met criminal people Maltese or Arab. I have never been involved in problems or made enemies. But the only enemy that I have here in Malta is my ex-family in-law. I had never, never been involved in drugs in my life;*

*That, yes I do remember when Doreen came back to Tunisia in July 1994 she was a bit sick and I took her to a doctor and then to a specialist. I take care other not to hurt her. The Specialist is completely different of what Doreen is saying in her Affidavit on page 13;*

*That, on page 14 Doreen said "fiz-zmien li qattajt Tunez, ipporova jikkonvincini biex naghti d-deheb tieghi lil-ommu u jien ma ridtx". This is another story about my mother, Doreen forgot when all the money that I had, had finished because of our wedding and she forgot when my mother supported us with about 400 Dinars. She forgot that on our last 2 days in Tunisia we went back to my mother to borrow another 100 dinar and promised to send it back soon? And I do remember that we were lucky when we*

*came back to Malta that we got some money as a gift and we sent back the 100. It's not how Doreen made the story on page 14 "omm Moiffek kienet gieli titlobna 1-flus" I think it's a different story. How can my mother ask for money when she supported us for about 2 months;*

*That, yes, I do remember I came back from work, I opened the house, I saw my wife with Ivan Mifsud standing in the spare bedroom I can see a lot of panic. My wife told me that she was showing him the photo of* ***our*** *wedding in less than 1 minute late he left the house. Of course, I did not like it and we spoke about the problem and it was over;*

*That, in February 1995 I went to Tunisia by myslef because I had 3 weeks sick leave to be recovered because I was operated for appendix. When I went to Tunisia I couldn't even work properly and I was not allowed to carry anything for 3 weeks.* ***On*** *page 15 Doreen said "Frar 1995 beda' jixtri hafna hwejjeg biex jiehu lil familja tieghu. Xtara ggieget, dbielet, zraben, sapun, deodorant, ecc" I just don't know anymore. Does Doreen forget or does she do not want to remember? This is not true and I only take small things to my family when I go to meet them;*

*That, in March 1995 I became a Maltese Citizen. So I was happy I became Maltese. I gave everything that I had in Tunisia to the Maltese authorities. A month later I got a letter form the embassy. I went to see why they told me that I have a right to become a Maltese but you are not covered to stop being Tunisian. You have got a right to have dual citizenship. The Embassy explained to me everything. So what Doreen whats to show, I think is wrong because I didn't do anything against the law and the Tunisian Embassy didn't do anything against the law either;*

*That, Doreen said that I did not want to work. It is not true because first of all I did not work in a lot of places. They can check with the Sorreda Hotel. I was head barman for 3 years and that I was a hard worker. But what I'm always*

*against here in Malta is discrimination. They don't call you with your name but only Arab. Before I used to work as a machine operator at Camplast Ltd and Paglieri Ltd;*

*That, on the 3 of July was her village feast at Luqa and I promised my wife to take Sunday off so that I can go with her. Then it came Sunday the 3rd of July and I told her to go by herself and then at about 5 o'clock I will go and meet her, She told me "No, what shall I say to my family" and I said that she should say that I was tired and I need to sleep. So I was forced to go and I went with her. I ate with them and I went to sleep with my son. At about 4 o'clock we woke up and I went downstairs to the dining room with my son. So I changed with my son and I was waiting for them to go the square to see the band marches. Then her sister came and she told me "are you going out like that with us" and I asked her what was wrong. She said that usually people wear trousers not shorts and then I said normally people wear shorts in 43 temperature. It was so hot. So I had problems again. I got angry and I decided to go away. Then I wanted to take Mark with me and my wife objected. So I left and I said to her family "it's over this time". Then the same night at 23.00 Doreen did not come back home and I phoned her mother. She told me that they left 2 hours ago with her sister and her boyfriend. She came back home about 23.30 p.m. with Mark and I could smell alcohol on her. I do remember telling her no problem, go to bed. But we needed to speak shortly but she left and went to bed. The next day Mark was sick and I got more angry because I started to blame her. 3 days later I came back from work. I spoke to her about a letter which I received from a lawyer. She said she was asking for separation and then I tried and tried very hard to speak to her but it did not work;*

*That, I want to conclude my affidavit by saying that I have never been unfaithful to my wife Doreen. She had always dreamt that I have another person in my life. I always worked hard for long hours. Whenever Doreen asked me for something to do I did it for her. How many time I remember old friends and family they visited me here in Malta and I used to invite them home, but Doreen never*

*liked it if I asked her to come out with me during the day like on a Sunday. She used to refuse to go out for a drink if I invite them. But to go with her to her family, I had to;*

*That, when I used to work head barman at the Sorreda Hotel I used to work most of the night shift. I used to have responsibility at work. Even on my day off I used to take my wife with me to check the Bars. I used to finish late from work yes. Some time I told her that I went for a drink after work, she did not use to like it. Yes we argued about friends and her family. I felt most of the time I was forced to go with her to her family. I became fed up of it. The only thing I used to hear there was about politics or about the mother of her sister's ex-husband. Doreen only thinks of herself. One Sunday morning she woke up and wanted to have sex desperately. She wanted it so much that she went wild and did not bother about our son Mark who was present and awake in the room. I told her to stop. Mark started crying but she wanted to carry on and then I pushed her away, offended her, jumped from the bed, put on a towel and took our son away. Since I was married to Doreen I have never had an affair with somebody else. Yes I met a lot of people at work and when they asked me for my address I just give it to them. The question is, if I have an affair with somebody I don't think I will give my address and telephone number. No I had never an affair with anybody. It is not true what Doreen says in the last paragraph of page 14 other affidavit. The only fight we had was about Ivan Mifsud when I found her alone with him in the spare bedroom";*

*That, Doreen puts a lot of blame on me and it's not fair. She thinks I had an affair, that I had a weapon, and she said it in her affidavit on page 17. This is not true."*

## (II) Principiji Legali u Apprezament tal-Provi Prodotti

Illi l-**artikolu 19 (1 ) tal-Kap 255** jghid hekk:-

*19(1) B'zieda mal-kazijiet fejn zwieg ikun null skond xi dispozizzjoni ohra ta' dan 1-Att, zwieg ikun null –*

*(a) jekk il-kunsens ta’ xi wahda mill-partijiet ikun inkiseb bi vjolenza, sew fizika sew morali, jew biza;*

*(b) jekk il-kunsens ta' xi wahda mill-partijiet ikun eskluz minhabba zball fuq 1-identita’ tal-parti 1-ohra;*

*(c) jekk il-kunsens ta' xi wahda mill-partijiet ikun inkiseb b'qerq dwar xi kwalita’ tal-parti l-ohra li tista' mix-xorta taghha tfixkel serjament il-hajja mizzewga;*

*(d) jekk il-kunsens ta' xi wahda mill-partijiet ikun vizjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga, jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha, jew b'anomalija psikologika serja li taghmilha impossibbli ghal dik il-parti li taqdi 1-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg;*

*(e) jekk xi wahda mill-partijiet tkun impotenti, sew jekk dik l-impotenza tkun assoluta jew relattiva, izda biss jekk dik l-impotenza tkun tezisti qabel iz-zwieg;*

*(f) jekk il-kunsens ta' xi wahda mill-partijiet ikun inkiseb bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu, jew ta' xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga, jew tad-dritt ghall-att taz-zwieg;*

(g) *jekk xi wahda mill-partijiet torbot il-kunsens taghha ma' kondizzjoni li tirreferi ghall-futur;*

*(h) jekk xi wahda mill-partijiet, ghalkemm ma tkunx interdetta jew marida b'mohha, ma kellhiex fiz-zmien li sar iz-zwieg. ukoll minhabba raguni temporanja, setghat intelletwali jew ta' rieda bizzejjed biex jinholoq kunsens ghaz-zwieg.*

Illi rigwardanti l-**artikolu 19 (1) (d)** citat mill-attrici jinghad is-segwenti;

Illi l-kunsens ta' zewg persuni fir-rabta taz-zwieg jehtieg att volontarju li wiehed konxjament jinghaqad ma’ persuna ohra bl-intenzjoni li jghix hajtu kollha ma’ dik il-persuna u

bejniethom jikkrejaw shubija fejn jaghtu lilhom infushom lil xulxin. Dan l-att jehtieg maturita' ta' hsieb u karattru tali li l-persuna li tidhol ghaz-zwieg taghraf il-'*commitment'* li jikkomporta z-zwieg, u cioe' *commitment* li tinvolvi partecipazzjoni attiva fil-hajja ta' familja.

Illi mill-gurisprudenza kostanti tal-Qrati taghna jidher car illi l-kunsens moghti fil-kuntratt matrimonjali mhuwiex dak il-kunsens semplici rikjest fil-kuntratt in generali ghaliex il-kuntratt taz-zwieg huwa wiehed *sui generis* u ta' ordni pubbliku. Illi ghalhekk il-partijiet f'kuntratt ta' zwieg mhux biss irid ikollhom il-kapacita' li jaghtu dak il-kunsens, izda, li l-istess irid jigi moghti bl-iktar mod liberu u xjenti ghal dak kollu li tirrikjedi r-rabta taz-zwieg. Il-kuntratt taz-zwieg ghandu jigi apprezzat mhux biss bl-ghajnejn oggettivi tal-ligi, izda jrid isib s-sinifikat tieghu fir-relazzjonijiet ta' koppja u l-iskop ahhari taz-zwieg, cioe' li tnejn min-nies jaghtu lilhom nfushom lil xulxin ad eskluzjoni ta' kollox u kulhadd. Meta ghalhekk ghal xi raguni jew ohra dak il-kunsens ma jkunx gie moghti bil-konoxxenza shiha ta' dak li jgib mieghu z-zwieg, allura jinholoq dubbju kemm dak il-kuntratt matrimonjali huwa wiehed validu.

*"Il matrimonio, in quanto patto ossia foedus...,.richiede una capacita' intelletuale e volitiva al di sopra di ogni altro contratto che e' per lo meno rescindibile; in casi determinati dalla legge, richiede quindi una integrita' di mente e' di liberta' dato che si tratta di assumersi una servitus per tutta la vita' (***Forum 1990**. Vol. I, part 1, pg. 72*)."*

Il-kuncett tad-*'discretio judicii'* ma jirrikjedix maturita' shiha u perfetta fuq dak kollu li jirrikjedi z-zwieg, izda konoxxenza shiha ta' dak kollu li jkunu dehlin ghalih il-partijiet u cioe' ghall-obbligi u drittijiet konjugali kemm fil-prezent kif ukoll fil-futur. *Inoltre* l-partijiet irid ikollhom dik il-maturita' affetiva u cioe' dak kollu li ghandu x'jaqsam ma' l-emozzjonijiet u s-sentimenti taghhom fil-kontront ta' xulxin. Jekk xi wahda minn dawn l-elementi hija b'xi mod nieqsa, allura hemm difett tad-diskrezzjoni tal-gudizzju kif rikjest mill-ligi.

Illi l-kuncett tad-diskrezzjoni tat-gudizzji fil-ligi civili ivarja xi ftit mill-kuncett kif espost fid-dritt kanoniku ghaliex mentri d-dritt kanoniku jirrikjedi xi forma ta' difett psikologiku serju, fid-dritt civili dan mhuwiex il-kaz.

Illi fis-sentenza moghtija mill-Prim 'Awla tal-Qorti Civili fl-ismijiet **"Angela Spiteri Selvaggi vs Joseph Spiteri"** deciza fi-4 ta' Novembru 1994, gie studjat *in extenso* il-kuncett tad-diskrezzjoni tal-gudizzju. F'din is-sentenza l-Qorti dahlet fil-fond f'dak li jghid ***Bersini*** fuq il-livell tad-diskrezzjoni tal-gudizzju rikjest biex jinghata kiusens matrimonjali validu:-

*"La discrezione di giudizio comprende la maturita' di giudizio e la maturita' affettiva... ...La maturita' di giudizio comporta una conoscenza critica proporzionata all'atto da compiere, agli obblighi essenziali da assumersi e ai doveri coniugali che ne derivano proiettati nel futuro. La maturila' affettiva comporta generalmenfe quella adeguata evoluzione degli istinti, degli affetti, dei sentimenti, della emott9ivita' che se sono turbati o inadeguati intraccano direttamente la volonta" e possono privare della liberta scelta interiore. .....Per dare un valido consenso, non e' sufficiente il **grado** di ragione col quale speculativamente uno sappia che cosa e' il matrimonio, e' necessaria la maturita' di giudizio capace di ponderare in concreto i doveri e i diritti che uno deve assumersi per tutta la vita. In altri termini, e' necessaria la discrezione non tanto per l'atto in se, al momento di emettere il consenso, quanto per gli impegni che da quell' atlo derivano. Una discrezione che impegni per il future.'* (**"Il-Diritto Canonico Matrimoniale"** - ***Bersini*** - Torino 1994).

Illi dan l-impenn ghall-futur jittraduci ruhu fl-obbligazzjonijiet essenzjali ghall-hajja taz-zwieg, fosthom il-fedelta' u fiducja, l-permanenza taz-zwieg, u fuq kollox il-*benessere* reciproku bejn il-mizzewgin, u cioe', dawk l-obbligazzjonijiet li minghajrhom unjoni intima bejn il-konjugi fl-aspetti kollha taghha ma tistax issehh.

Illi dan ifisser li l-partijiet irid ikollhom dik il-maturita' li taghmilhom kapaci jiriflettu fuq l-obbligi, d-dmirijiet u r-

responsabbiltajiet li ggib maghha l-hajja mizzewwga u jkunu ghalhekk kapaci jerfghu u jwettqu l-istess matul il-hajja matrimonjali taghhom.

Illi ghalkemm il-**Kapitolu 255 tal-Ligijiet ta' Malta** ma taghtix definizzjoni ta' x'inhuma l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg, kif stqarret il-Qorti fis-sentenza fuq imsemmija, dawn huma dawk l-elementi li dejjem gew ritenuti bhala l-obbligazzjonijiet tal-hajja mizzewga u cioe' dik l-unjoni permanenti, esklussiva u rrevokabbli, diretta ghall-komunjoni ta' hajja u prokrejazzjoni u t-trobbija ta' l-ulied.

Illi l-konvenut deher li kien konxju ta' dak li kien qed jaghmel meta zzewweg anzi jidher li kellu tir f'mohhu. L-komportament tieghu jinkwadra ruhu iktar taht **s-sub-artikolu (f)** kif spjegat iktar 'l isfel ghal dak li jikkoncerna vizzju ta' kunsens.

Illi fil-kaz tal-attrici is-sitwazzjoni hi ftit iktar ikkomplikata. L-komportament taghha ta' *"marriage at any cost and whatever the consequences"* kien allarmanti. Il-familjari taghha li xehdu li kienet kompletament taht l-kontrol tal-konvenut tindika tajjeb l-istat mentali taghha fil-mument tal- kunsens u abbazi tal-provi prodotti din il-Qorti thoss li l-istess attrici kellha l-kunsens taghha vizzjat abbazi tal-**artikolu 19 (1) (d) tal-Kap 255** anke' ghaliex kienet infattwata fuq l-konvenut u ma kellhiex id-diskrezzjoni necessarja ta' gudizzju sabiex taghti kunsens validu taz-zwieg.

Illi rigwardanti **l-artikolu 19 (1) (f) tal-Kap. 255 tal-Ligijiet ta' Malta** citat mill-attrici fic-citazzjoni minnha pprezentata, dan l-**artikolu** jikkunsidra kemm is-simulazzjoni totali ('*cohrem habens, substantiam vero nuam*) kif ukoll dak parzjali ('*colorem habens, substantiam vero alteram'* tal-kunsens.

Illi kif gie spjegat minn din il-Qorti diversament presjeduta fil-kaz **"Alfred Tonna vs Maria Tonna"**, 31 ta' Jannar 1996, u fil-kaz **"Muscat vs Borg Grech"** 14 ta' Awwissu 1995, ikun hemm simulazzjoni meta, fil-mument tal-ghoti

tal-kunsens matrimonjali parti jew ohra (jew it-tnejn) esternament turi li qed taghti l-kunsens matimonjali izda internament u b'att pozittiv tal-volonta' taghha tkun qed tichad il-kunsens ghal dak iz-zwieg (simulazzjoni totali) jew, dejjem b'dak l-att pozittiv tal-volonta' tkun qed teskludi xi element jew proprjeta' essenzjali ghaz-zwieg (simulazzjoni parzjali).

Illi gie insenjat fid-decizjonijiet fl-ismijiet **"Francesco Teuma vs Luigi Camilleri et"** (Qorti tal-Kummerc, 1 ta' Ottubru 1884, Vol. X p. 912) *"a poter dedursi la invalidita' dell' atto e' necessario che risulti chiaro, che cio che si contrattava non era la verita', ma una simulazione, cioe' 'fictio sen ostensio falsi pro vero."*

Illi meta wiehed jitkellem dwar l-eskluzzjoni taz-zwieg jew wiehed mill-elementi essenzjali tieghu, wiehed irid jifli jekk it-kontendenti jew wiehed minnhom, alavolja hu kapaci jaghti kunsens validu ghaz-zwieg; pero' bl-atti tieghu qabel iz-zwieg, jew bl-ommissjoni tieghu, eskluda *a priori* certu obbligi essenzjali tal-hajja mizzewwga, cioe', stimula l-kunsens tieghu totalment fejn eskluda minn qabel u mill-bidu z-zwieg, jew inkella fejn waqt il-kunsens hu jew hi eskludew xi wahda jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewwga, u cioe' saret simulazzjoni parzjali.

Illi taht l-**artikolu 19 (1) (f)** trid issir distinzjoni cara bejn zwieg li jfalli minhabba cirkostanzi li jirrizultaw waqt iz-zwieg, u zwieg li jfalli ghax xi wiehed mill-partijiet minn qabel ma ta l-kunsens tieghu, kien gja mentalment dispost li ma jottemprax ruhu ma' xi wahda jew aktar mill-obbligi matrimonjali, fl-ewwel ipotesi hemm ir-ragunijiet li jaghtu lok ghal separazzjoni u fit-tieni ipotesi hemm l-istremi tal-annullament.

Illi ghar-rigward tas-simulazzjoni totali, fil-kawza **"Bonnici vs. Bonnici"** (Qorti Civili Prim' Awla, 30 ta' Lulju 1982) qalet illi biex ikun hemm simulazzjoni totali irrid jigi ppruvat li l-*'finis operis'* taz-zwieg gie effettivament eskluz mill-vera rieda ta' parti jew ohra, ghalkemm formalment tkun sehhet ic-celebrazzjoni taz-zwieg. Il-Qorti f'decizzjoni ohra taghha **"Cali vs *Dr.* Albert S. Grech"** (Prim'Awla 22 ta' Gunju

1988) qalet illi jekk tmur ghac-cerimonja tat-tieg u internament tissostitwixxi l-idejat tieghek fuq x'inhu zwieg jew inkella xort'ohra teskludi l-veru kuncett taz-zwieg, hi forma ta' simulazzjoni totali. Imbaghad fil-kas **“Galea vs Walsh”** (Prim' Awla 30 ta’Marzu 1995), il-Qorti spjegat is-simulazzjoni bhala *'meta l-atti, gesti jew kliem esterni ma jikkorrispondux ghall-kunsens intern li jkun inghata.'* Fil-kaz **“Muscat vs Borg Grech”** (Prim' Awla 14 ta’ Awwissu 1995) il-Qorti spjegat is-simulazzjoni totali hekk:- *'Ghalhekk min esternament ikun -wera **li** qed jaghti l-kunsens matrimonjali izda ikun internament u b'att pozittiv tal-volonta' tieghu qed jichad il-kunsens ghal dak iz-zwieg ikun qed jissimula l-kunsens tieghu.'*

Illi mill-banda l’ohra, meta nigu ghas-simulazzjoni parzjali, u cioe’ ghall-eskluzzjoni pozittiva ta' xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga, din il-Qorti fil-kaz **“Abdel Wahed vs Dr. Yana Micallef Stafrace et noe”** (14 ta’ Lulju 1994) elenkat l-elementi essenzjali taz-zwieg bhala l-kommunjoni tal-hajja konjugali, l-indissolubilita' tar-rabta taz-zwieg, id-dritt ghall-fedelta' u d-dritt ghall-prokrejazzjoni ta' l-ulied. L-istess elementi gew ikkonfermati wkoll fil-kawzi **“Grech vs Grech”** (Prim' Awla 9 ta’ Ottubru 1990), u **“Aquilina vs Aquilina”** (Prim'Awla 30 ta’ Jannar 1991).

Illi fil-kaz in ezami deher car mix-xhieda prodotta li l-ghan ewlieni ghal dan iz-zwieg li sehh fi ftit xhur kien sabiex il-konvenut ikun jista jigi jghix u jahdem bla xkiel hawn Malta u dan ma kien xejn hlief zwieg ta’ konvenjenza.

Illi kien diga kellu l-esperjenza kera ta’ deportazzjoni u b’hekk kien car ghalih, kif ukoll ghall-attrici, li sabiex jibqa’ Malta kellhom jizzewgu. Din kienet l-unika raguni ghall-heffa sabiex jizzewgu (izzewgu fi zmien 4 xhur milli ltaqghu) meta ma kellhom xejn lest sabiex jibdghu il-hajja flimkien. Din timplika simulazzjoni totali. Izzewgu semplicement sabiex l-konvenut jista’ joqghod Malta.

Illi deher car li kieku l-partijiet setghu jibqghu jghixu flimkien Malta u l-konvenut isib jahdem legalment u bla xkiel ma kinux jizzewgu. Dan kollu jinkwadra ruhu taht dak

li jinghad fl-**artikolu 19 (1) sub-inciz (f)** kif fuq spjegat u dana fil-konfront taz-zewg partijiet.

Illi ngabu diversi provi minghand l-attrici rigwardanti l-fatt li l-konvenut ma kienx car mal-attrici rigwardanti z-zwieg u r-relazzjonjiet precedenti tieghu u li kien tkecca mill-Olanda u kien il-habs l-Ingilterra. L-konvenut jinnega dan u jghid li l-attrici kienet ben taf fuq il-passat tieghu u kienet lesta li tiehdu, bid-difetti li kellu *stante* li kien irriforma ruhu.

Illi din il-Qorti thoss li l-attrici ppruvat l-allegazjonijiet taghha u li l-konvenut ma kienx informahaha jew qal lilha dwar il-passat tieghu u dan f'punti verament importanti inkluzi dawk indikati fil-paragrafu precedenti u dan jingwadra ruhhu  taht id-disposizzjonijiet tal-**artikolu 19 (1) ( c)** u cioe'   jekk il-kunsens ta' xi wahda mill-partijiet *"ikun inkiseb b'qerq dwar xi kwalita' tal-parti l-ohra li tista' mix-xorta taghha tfixkel serjament il-hajja mizzewga."*

Illi min-naha l-ohra dwar l-**artikolu 19 (a)** ma ngabu l-ebda provi u fuq dan il-kap l-allegazjonijiet attrici ma gewx ippruvati u l-istess jista' jinghad ghall-premessi l-ohra tac-citazzjoni attrici.

**<u>III. KONKLUZZJONI.</u>**

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi fil-waqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut, u fil-waqt li **tichad t-tieni talba attrici** *stante* li hija infondata fil-fatt u fid-dritt, **tilqa' t-talba attrici** b'dan li :

1. Tiddikajara u tiddiciedi li z-zwieg bejn il-kontendenti celebrat fl-1 ta' Awwissu, 1994 huwa null u bla effett *ai termini* ta' l-**artikolu 19(1) (c), (d) u (f) tal-Kap 255 tal-Ligijiet ta' Malta** ghar-ragunijiet imputabbli liz-zewgt partijiet.

Bl-ispejjez jinqassmu bin-nofs bejn il-partijiet.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------